# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Pietru Carabott

Illum 12 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Pietru Carabott bin Antonio u Antonia nee` Saliba imwieled fl-03/02/1948 u joqghod 45, Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk ID 09848M

Billi int akkuzat talli fit-12 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 07.15 hrs gewwa l-Lokalita` tal-Hamrun soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni DBO873;

1. Soqt vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota bin-numru ta` registrazzjoni DBO873 bi traskuragni u/jew b`mod perikoluz u/jew bla kont.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolmenti tat-traffiku, waqt li kien qieghed isuq jew kellu fil-pussess tieghu vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni DBO873, ikkaguna griehi ta` natura gravi  fuq il-persuna ta’ Caroline Pauline Butler skond kif gie iccertifika Dr. Daniela Lauretta Agius  MD mil-MDH u jew minn diversi tobba ohra.

Il-Prosekuzzjoni titlob li fil-kas ta htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita’ mill-ligi tordna li Pietru Carabott jigi skwalifikat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta’ zmien li jidriha xieraq.

.

Il-Prosekuzzjoni titlob li f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi tordna lil-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz kif stabbilit fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 226 (1) (b), 533 tal-Kap 9 u art 15(1)( a) (2) (3)tal-Kap 65  u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-proces-verbal.

Rat il-konferma tal-esperti fil-proces-verbal min din il-Qorti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ma xehdx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**T-Tabiba Daniela Lauretta Agius u Stephen Cachia** xehdu permezz ta` affidavit

**Doris Serpina** ezebiet il-proces-verbal

**Supretendent Robert Vella,xehed hekk :**

Xhud: Mela sinjura Magistrat dan fit-12 ta` Marzu, 2019 ghall-habta tas-7.15 ta` filghodu kont gejt infurmat li iein sehh incident stradali gewwa il-Kappillan Mifsud, Hamrun fejn kien hemm persuna li kienet qed taqsam u sfat imtajjra min vettura kienu marru l-pulizija tad-distrett fejn kien irrizulta li kien hemm dil-persuna femminili li kienet ittajret minn vettura ta` ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni DBO 873 li kienet qedtigi misjuq minn Peter Carabott ID card number 209848m, minn aktar stahrrig li kien sar fuq il-post kien irrizulta li l-persuna li ittajret kienet persuna ta nazzjonalita barranija jekk minix sejjer zball kellha passaport ingliz u kien irrizulta li kienet certu Caroline Butler li kellha dak iz-zmien 31 sena, kien jidher li din il-persuna kienet soffriet griehi li a prima face kienu jidhru pjuttost serju u kienet issejhet ambulanza u assistenza medika sabiex jigu fuq il-post. Dak in-nhar il-pulizija kienu tkellmu mal-pulizija tad-distrett kienu

tkellmu mal-persuna li kienet isuq il-vettura Toyota li kienet allegatament tajjret lil il-persuna fejn kien staqrr li kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Queens fejn hin minnhom kienet qassmet,

Qorti: Tal-Queens igifieri sejjer lejn il-knisja?

Xhud: Igifieri le sejjer oppost il-knisja tal-Kuncizzjoni igifieri,

Qorti: Sejjer lejn il-Bypass?

Xhud: Sejjer lejn il-Bypass ta` B`Kara u qasmmitlu bil-konsegwenza li tajjarha, kien irrizulta sinjura Magistrat li din il-persuna kienet qassmet minn fuq iz-zebra cross pero meta kien gie mistoqsi din il-haga is-sur Carabott kien wiegeb li ma kienx cert minn fejn kien qed jaqsam minn fejn kienet qed taqsam. Eventwalment matul il-hin il-vittma kienet ittiehdet gewwa l-ghassa gewwa l-Isptar Mater Dei fejn eventwalment kienet certifikata minn Dr. Daniel Lauretta Agius li kienet qed issofri minn griehi gravi u kienet anka sahansitra fil-periklu li titlef hajjitha. Jiena dak il-hin kont infurmajt il-Magistrat tal-ghassa li dakin-nhar kienet Dr. Rachel Montebello fejn kienet hatret kienet ordnat li ssir inkjesta bil-Magistrat ukienet hatret numru ta` Esperti sabiex jassistuha fosthom il Dr. Mario Scerri PL Mario Buttigieg is-sur Donald Tabone u is-Soco, kien irrizulta li filfatt kien hemm xi CCTV cameras fl-akkwati li setghu jghinu fl-investigazzjoni u ovvjament dawn kienu gew elevati mil-Espert nominat mil-Qorti inkwerenti, eventwalment sinjura Magistrat kienet inaghlqet l-inkjesta Magisterjali sadattant il-vettura kienet

ittiehdet ik-vettura involuta ittiehdet ukoll gewwa l-Compund tal-Pulizija ta` St. Andrews fejn hemmekk kienet giet ezaminata mill-espert nominat mill-Qorti inkwerenti ki fkont qed nghid eventwalment l-inkjesta giet maghluqa fejn il-Qorti inkwerenti kienet ordant li jittiehdu l-passi fil-konfront tas-sur Pietru Carabott u filfatt jiena kont hrigt l-akkuzi li illum qeghdin quddiem is-sinjorija tieghek.

Pros: Meta semmejt ix-xena tar-rejat minn fejn qassmet il-mara minn fejn dik?

Xhud: Ehe dik,

Pros: Minn fejn tirrizulta?

Xhud: Mela dana fejn sar l-incident hemm Zebra Crossing partikolari li Caroilne Butler kienet qasmmet minn fuqha hemm kollox fl-inkjesta Magisterjali bir-ritratti kollox.

Avu: Ghalli jista jkun inti mort fuq il-post dak in-nhar?

Xhud: Iva kont mort pero kont mort mal-hin.

Avu: Mil-investigazzjoni bhala pulizija irrizultalkom li din il-persuna kienet liebsa headphones meta kienet qed taqsam?

Xhud: Ha ankun onest ma niftakarx.

Avu: Jekk kelli nissugerilek li kien hemm il-headphones u l-mobile ma l-art?

Xhud: Dott jien kont wasalt naqra hin tard mhux hazin u jista jkun li l-affarijiet lahqu ingabru minn naha tas-soco to be honest ma niftakarx x`gara 4 asnin ilu.

**<u>Caroline Pauline Butler, xehdet hekk</u>**

Pros: Were you involved in an accident?

Wit: Yes.

Pros: Can you explain and give us the details of the accident?

Wit: I was walking to work,

Court: What`s the name of the road?

Wit: I took it too quickly.

Pros: When was it?

Wit: March the $12^{th}$ 2019 walking to work.

Court: Which street and which locality?

Wit: I don't remember the name of the street but it was in Santa Venera area.

Court: You saw the CCTV been projected was … the area when that happened?

Wit: Yes yes I recognized myself in the CCTV.

Court: You saw yourself crossing the road?

Wit: Yes, and that is much as I remember.

Court: Do you remember crossing on the zebra crossing or you don't remember at all the accident, you just remember going down the road?

Wit: Yeah.

Court: So when do you remember in hospital then?

Wit: When the,

Court: Or when they put you in the ambulance what do you remember?

Wit: As time goes on I remember the pressure from the paramedics to try and get me into the stretcher but then the next time I remember is when I was going out the coma.

Court: In hospital?

Wit: In hospital yeah.

Court: And what were your injuries as result of this accident?

Wit: It was head injuries so I had half my scull removed for the pressure of my brain and the skull was put back in 4 months exactly to the day after that I had to the … bones broken behind my ears and numbness of my left hand side which is still with me but not is bad.

Court: But so your injuries you are still experiencing effects of the injuries?

Wit: Yeah yeah.

**<u>PS 827 Edward Grech, xehed hekk</u>**

Pros: Spjega?

Xhud: Jiena mort fuq rapport mela fit-12 ta` Marzu tat-2019 ghall-habta tas-7.20.

Qorti: Mela ir-rapoort ezebit mela iffirma fuqu kull page please.

Pros: Ikkonferma dak.

Qorti: Fuq kull page jekk jista jkun.

Xhud: Mela ghall-habta tas-7.20 fit-12 ta` Marzu, mela gejt imsejjah biex immur triq il-kappillan il-Hamrun stess ghax kienet ittajret mara jiena mort fuq il-post immedjatament u sibt li vettura bin-number plate DBO 873 tal-ghamla Toyota misjuqa minn certu Peter Carabott u kien tajjar mara bl-isem ta` Caroline Pauline Butler li kien irrizulta li kienet barranija jien kellimt lil Peter dak il-hin fuq il-post u stqarr mieghi li kien qed isuq direzzjoni li ahna insibuha bhala Queens Pastizzerija,

Qorti: Lil hinn jew lejn il-Queens qieghed?

Xhud: Direzzjoni,

Qorti: Lejn il-Bypass?

Xhud: Il-barra kien qed isuq, fejn hin minnhom qassmitlu mara,

Qorti: Queens mhux tal-pastizzi jew?

Xhud: Ezatt, bil-konsegwenza li qassmitlu dil-mara u accidentalment tajjarha, ahna ovvjament sejjahna ambulanza.

Qorti: Inti mort fuq il-post is-sinjura kienet ghadha hemm jew lahqet telqet?

Xhud: Kienet ghadha hemm filfatt ahna cempiln al-ambulanza,

Qorti: Fejn kienet ghax m`ghandix pjanta, fejn kienet il-mara?

Xhud: Il-mara ovvjament kienet imtajjra hdejn iz-zebra crossing.

Qorti: Kienet hdejn iz-zebra crossing?

Xhud: Ezatt, ehe.

Qorti: Mela riratti tas-soco nahseb hux hekk,

Xhud: Meta wasslet il-patient lahqet telqet.

Qorti: Ara ftit ir-ritratti tas-soco fejn sibt lis-sinjura u ghidli il-pagna liem ritratt?

Xhud: Il-persuna kienet fuq iz-zebra crossing fejn quddiem il-vettura igifieri ma kienx hemm,

Qorti: Quddiem il-vettura x`igifieri?

Xhud: Il-vettura li tajjritha.

Qorti: Igifieri l-vettura li tajjritha meta mort hemmekk kienet hdejn iz-zebra crossing?

Xhud: Ezatt iva filfatt anka fuq ir-ritratti hekk qeghda tidher ara.

Pros: Ghamel referenza ghal-fol?

Qorti: Ghax hawn min qed jissugerixxi li l-vettura tresqet miz-zebra crossing mxiet ftit lil hinn ghalekk qed insaqsik mhux qed nghid hekk hu qed nghidlek x`intqal.

Xhud: Ma baqax iktar ritratti hawn, fuq dawn ir-ritratti ma nistax nghidlek ezatt fejn kienet.

Pros: Iccekkja ir-rapport ta` Donald Tabone ghax hareg xi stills minnhu.

Xhud: L-istills ahna niftakar gbarna camera dehret qed taqsam minn fuq iz-zebra crossing kienet is-sinjura meta gbarna il-filmat,

Qorti: Imma rajtha imtajjra fil-filmat ghax jien ma rajtiex frankament ghalekk qed nghidlek.

Xhud: Kellna filmat kienet tidher imtajjra minn fuq iz-zebra crossing zgur.

Qorti: Imtajjra jew taqsam?

Xhud: Taqsam minn fuq iz-zebra crossing ovvjament tigi imtajjra uu.

Xhud: Jien hawnekk filfatt ktibt fir-rapport tieghi li jiena rajt il-filmat u rrizultali li l-persuna qassmet,

Qorti: Fir-rapport tieghek dak igifieri dak,

Xhud: Tal-pulizija fil-piers ezatt.

Qorti: Ghidli naqra fejn mela jekk jogghbok irreferi ghalih?

Xhud: Flfatt ktibta cara fir-rapport.

Qorti: Ghidli liema pagna please tal-piers?

Xhud: Mela qed nirreferi ghal-page mela kif taqbad l-action taken, it-tielet paragraf,

Qorti: Ghamel salib hdejha please, ahjar jigi Tabone please,

Pros: Ix-xufier tal-vettura qed tarfu go din l-awla?

Xhud: Peter uu mela.

Qorti: Ix-xhud indika l-imputat.

Xhud: Il-camers li jiena gbart dak il-hin u rrizultalna mil-ewwel dil-mara qassmet,

Qorti: Inti mar-rapport li ktibt ghandek x`izzid?

Xhud: Le xejn iktar.

**PC 1037 Saviour Mifsud,xehed hekk**

Qorti: Mela inti fil-mument tal-incident kont kuntistabbli hux hekk qed tghidli?

Xhud: Dak iz-zmien iwa kont kuntistabbli, mela fit-12 ta` Frar tal-2019 kont xoghol mas-surgent 827 ghall-habta,

Pros: Ghandek ir-rapport, iffirma hdejh.

Qorti: Qiehed ezebit diga.

Xhud: Mela kemm nikkonferma l-istess updates.

Pros: Jekk jogghbok iffirma hdejh ukoll.

Qorti: Jekk ghandek xi update ghamiltu inti iffirma hdejh please, ghandek x`izzid ma dak li ghandek miktub hemmekk surgent?

Xhud: M`ghandix iktar x`inzid.

Qorti: M`ghandekx x`izzid ma dak li ghandek fir-rapport?

Xhud: le.

Pros: Ix-xufier tal-vettura qed tarfu go din l–awla?

Xhud: Ghadda naqra zmien nghid id-dettalji tieghu i-persuna kien anzjan u jista jkun inbidel maz-zmien.

Qorti: Orajt igifieri id-dettalji li ghandek imnizzel hemm imma mhux qed tarfu fl-awla?

Xhud: Ghadda naqra zmien.

Qorti: Mhux qed nippressak surgent.

Xhud: Ahna li konna sibna fuq il-post huwa certu Peter Carabott l-ID card tieghu 209848m.

Qorti: Ok thank you.

**Dr Mario Buttigieg** xehed dwar l-inkarigu tieghu rigwardanti l-incident *de quo*

**Donald Tabone,** kif kien inkarigat sabiex jezamina CCTV l-inkarigu tieghu gie estiz u xehed hekk **:**

Qorti: Kont tlabtek biex forsi tipprecizali naqra il-mument tal-incident fl-istills?

Xhud: Mela li ghamilt sinjura ghamilt zewgclips hrigt zewg clips fuq CD wiehed ta 5 minuti u iehor ta zewg minuti jew 3 minuti u ikkonvertejthom f`format tarhom igifieri fuq il-kompjuter facli.

Qorti: Mela ha nipposponuha minuta ha tigi Dr. Marion ghax inkella jkolli ntellghu darbohra.

Xhud: Yes no problem.

Qorti: Inkomplu mela Rapport DOK DT u zewg estratti DOK DT1 u DT2.

Xhud: Sinjura fuq ir-rapport hemm il-hinjiet ezatti.

Qorti: Fuq l-istess CD qeghdin l-estratti?

Xhud: Yes.

Qorti: Mela ha naghmel hekk u zewg estratti kontenuti go DOK DT1, mela ha naraw ic-CD.

**<u>Dr. Mario Scerri,</u>**xehed kif hu kien ezamina lill-midruba fil-12//2018. L-inkarigu tieghu gie estiz u xehed hekk:

Qorti: Mela kellek taghmel precizazzjoni u rapport ulterjuri jekk l-injuries humiex ta natura permanenti jew le.

Xhud: Sewwa mela din fuq ordni tal-Qorti ezaminajt lil Caroline Pauline Butler nhar it-13 ta` Gunju 2023 diga kont ezaminajtha fl-antik u ghandi relazzjoni fl-atti dina bazikament kienet involuta fl-incident tat-traffiku fejn kienet qeghda taqsam fi triq il-Kappillan Mifsud il-Hamrun u ntlaqtet minn vettura din iddahlet l-Isptar Mater Dei kondizzjoni serja hafna kellha kontruzzjonijiet fil-pulmun mhux dawk l-iktar importanti pero kellha fratturi tal-kranjus ... ... hemorrhage kieku ma saritx intervent immedjat ma kienetx tibqa hajja dit-tifla sar Pleniotomy franto tempo Pleniotomy,

Qorti: Pleniotomy xi tfisser?

Xhud: Fethulha l-mohh ezakwawlha l-hematoma bil-komplikazzjonijiet taghha pero baqet hajja u jumejn u tlett ijiem wara harguha mil-ITU xahrejn wara regu dahhluha biex jaghmlulha jibbrigjawlha il-cap bil-materjal u giet licenzjata id-dar.

Qorti: Igifieri din ghandha xia haga foerign something in her head permanently?

Xhud: Ghandha cikkatrici pero parti minnhom ghandha depression thossha b`idejk fuq rasha gifieri l-ghadma deficenti ghamlulha il-gel li jaghmlu s-soltu pero ma tigix ovvjament bhal ghadma.

Qorti: Il-gel jibqa hemm?

Xhud: Iva jibqa hemm, issa mhux dik il-problema il-problema hija illi dina minn wara l-incident baqet tbati minn amness fil-biletiral lower limbs specjalment fil-pali tal-idejn kompatibbli ma li kellha ghax hi kellha fuq ir-right pero kellha kontrabu fuq il-left gifieri, apparti minn hekk hi kienet tahdem bhala executive f`kumpanija tal-engements kienet attiva hafna minn dak iz-zmien ma setghetx tikkopja ma dan ix-xoghol taghmel xoghol fl-istess dipartiment bhal ma kellha tejja malajr ugiegh ta ras fil-bidu tippretendihom pero ghadha bihom ikollha 3 episodji fil-gimgha u tkun trid tiehu il-paracetamol ghalihom apparti minn dan li tifhmek titkellem b`mod normali pero xi kultant issib diffikulta biex taf x`se tghid u tesprimi ruhha tehel.

Qorti: Dan kollu kompatibbli mal-injuries?

Xhud: Massive head injuries kellha.

Qorti: Igifieri dawn huma permanenti dan li qed tghid?

Xhud: Dan ghaddew 4 snin u baqaw l-istess u mhux se jimmeljoraw.

l-ispejjes tal-esperti huma s-segwenti

| | Euro |
|---|---|
| WPC 363 | 117.53 |
| David Tabone | 460.62 |
| | 192.34 |
| Mario Scerri | 341.70 |
| | 360.40 |
| Mario Buttigieg | 83 7.56 |
| **Total** | **2310.15** |

**Ikkunsidrat**

Irizulta car mill-provi kollha li l-imputat tghajjar lil midruba waqt li kienet ghaddejja minn fuq Zebra Crossing. Dan juri nuqqas ta' *Proper Lookout* konsiderevoli u sewqan perikoluz. Bhekk jirrizultaw ampjament l-ewwel (1)u t-tieni (2)imputazzjoni. L-ewwel imputazzjoni fi grad ta' perikoluz. Jinghad li ghalkemm fir-rapport ulterjuri tieghu Dr Mario Scerri sab li l-griehi tal-midruba kienu permanaenti fit-tieni imputazzjoni hemm biss griehi ta' natura gravi ai termini tal-artikolu 226(1)(b) .Irrizultaw ukoll spejjes peritali fl-ammont ta elfejn tlett mija u ghaxar euro u hmistghax-il centezmu ( 2310.15).

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli-226(1)(b)u 533 tal-Kap 9 u Art 15(1)(a)(2)(3) kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Pietru Carabott Hati tal-ewwel u t-tieni mputazzjoni u tikkundannah komplessivament ghal multa ta'elfejn u tlett mitt euro (2300) sitt(6) xhur skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u spejjes peritali fl-ammont ta' euro **2310.15.**

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**